Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **19 ta' Frar 2021**

**Heritage Malta xxandar taħdita dwar l-arti moderna f'Malta**

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar, fis-6.30pm, Heritage Malta se xxandar fuq Facebook taħdita bit-tema "Sensibbiltajiet Moderni fl-Arti Maltija". It-taħdita se ssir mill-Professur Joseph Paul Cassar.

Il-Professur Cassar, li huwa l-awtur taż-żewġ volumi *Pioneers of Modern Art in Malta*, se jfisser l-importanza tar-riċerka li għamel tul perjodu ta' aktar minn 30 sena biex ġabar tagħrif li permezz tiegħu ħoloq qafas komprensiv u bla preċedent li jwassal lill-qarrej biex jifhem l-istorja tal-arti moderna Maltija. Huwa se jiddiskuti wkoll uħud mill-protagonisti ewlenin fl-istorja tal-arti moderna lokali u x-xogħlijiet artistiċi tagħhom.

It-taħdita se tipprovdi wkoll tagħrif fil-qosor dwar il-kontenut tal-ktieb tal-Professur Cassar. Iż-żewġ volumi, ippubblikati fl-2010 u fl-2019 rispettivament, huma meqjusa bħala kotba ta' referenza kemm mill-istudenti tal-istorja tal-arti kif ukoll minn dawk kollha li għandhom l-arti għal qalbhom.

It-tieni volum tal-ktieb huwa pubblikazzjoni ta' Heritage Malta u jkopri d-deċennji ta' nofs is-seklu 20, b'tagħrif dettaljat dwar ix-xena tal-arti lokali li dak iż-żmien kienet qed tinbidel b'rata mgħaġġla. It-trasformazzjoni ġenerali li seħħet f'dawk iż-żminijiet fl-espressjoni artistika f'pajjiżna biddlet l-istruttura preċedenti li kienet serviet ukoll bħala mudell għall-Iskola tal-Arti ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni importanti tista' tinxtara bi prezz imraħħas mill-ħanut virtwali ta' Heritage Malta. Aktar tagħrif jinsab hawn: www.heritagemalta.org